MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF
TONIO MALLIA**

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2011

Appell Civili Numru. 756/1992/1

**Carmelina Busuttil**

**v.**

**1. Helen Portelli bhala unika eredi universali tal-mejjet Anthony Bonnici**
**2. Carmel Lino Portelli bhala esekutur testamentarju tal-istess Anthony Bonnici ghal kull interess li jista' jkollu**
**3. Maria armla ta' George Portelli bhala uzufruttwarja ta' zewgha, legatarju tad-dar 10, St. Gregory Street, Sliema,
ghal kull interess li jista' jkollha.**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

B’citazzjoni pprezentata quddiem il-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fis-7 ta’ Lulju, 1992, l-attrici ppremettiet:

“Illi hija sekonda kugina tad-'decujus' Anthony Bonnici li miet fl-1 ta' Jannar 1992 fl-eta' ta' 87 sena (Dok. "A"); illi l-istess Anthony Bonnici, minn xi snin 'il hawn, kien taht il-kontroll tal-familja Portelli, konvenuti f'din il-kawza, li kienu japprofittaw ruhhom minnu, hadulu l-ghamara kollha u, sahansitra, kienu jmorru mieghu l-Bank biex isarraf cheques u jigbru l-flus huma; illi fl-4 ta' Gunju 1985 huwa ghamel testment fl-eta' ta' 82 sena, minghajr ma gie prodott certifikat dwar l-istat mentali tieghu, u dan meta mohhu kien ga' mhux car; illi l-imsemmi testment sar minhabba pressjoni fuqu da parti tal-membri tal-familja Portelli, skont liema testment il-konvenuta Helen Portelli giet nominata unika eredi universali, filwaqt li missierha akkwista d-dar tat-testatur b'titolu ta' legat; illi fl-ahhar jiem ta' hajtu, meta sab li l-familja Portelli kienu dahhluh l-Isptar San Luqa u kienu sejrin jibghatuh l-Imgieret u li kienu qarrqu bih ghax kellhom skopijiet ulterjuri, Anthony Bonnici ried lill-attrici tohorgu mill-Isptar biex imur joqghod ghandha sabiex ikun liberu li jbiddel it-testment, izda huwa gie impedut milli jaghmel dan, kif jigi ppruvat fil-kawza. Kien f'dan l-istadju li l-konvenuti ghamlu certifikat dwar l-istat mentali tieghu, biex jekk ibiddel it-testment, ikollhom mohhom mistrieh li t-testment taghhom huwa dak li jghodd; illi, inoltre, il-beni li kellu fil-pussess tieghu Anthony Bonnici kienu jinkludu beni komuni tal-familja provenjenti mill-wirt tal-mejtin Carmela Scerri, ta' Katerina Gravina u ta' Carmela Scerri bint Antonio, minn liema ereditajiet l-attrici ghandha wkoll sehem skont il-ligi; illi Anthony Bonnici ma setax ihalli b'titolu ta' legat lil George Portelli (li miet ftit wara t-testatur) in piena u assoluta proprjeta' d-dar numru 10, st. Gregory Street, ga' Melita Junction, Sliema; dan premess l-attrici talbet li dik il-Qorti:-

1. Tiddikjara illi l-imsemmi testment ta' Anthony Bonnici maghmul fl-4 tal Gunju 1985 huwa null u bla

effett, prevja d-dikjarazzjoni illi t-testatur gie mgieghel biex jiddisponi minn hwejjgu u mill-beni komuni provenjenti mill-ereditajiet imsemmija tal-axxendenti tal-attrici, b'qerq u kontra l-volonta' tieghu, meta huwa ma kienx fi stat ta' sahha mentali kif trid il-ligi;

2. Tiddikjara okkorrendo illi Anthony Bonnici ma setax ihalli lill-konvenuti beni komuni provenjenti mill-ereditajiet imsemmija tal-axxendenti tieghu, liema beni kienu jappartjenu wkoll lill-attrici;

3. Tordna illi d-devoluzzjoni tal-wirt ta' Anthony Bonnici ssir skont il-ligi;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li huma ngunti ghas-subizzjoni;"

B'nota pprezentata fit-3 ta' Awissu, 1992 il-konvenuti Helen Portelli, Carmel Lino Portelli u Maria armla ta' George Portelli eccepew:

"1. Illi t-talbiet tal-attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li meta d-decujus Anthony Bonnici ghamel it-testment in kwistjoni kien ben konxju ta' dak li kien qed jiddisponi fl-istess testament;

2. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi;"

**Is-sentenza appellata:-**

Il-Prim' Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza b'sentenza moghtija fis-16 ta' Dicembru, 2008 meta, ghar-ragunijiet hemm moghtija, prevja l-akkoljiment tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti, cahdet it-talbiet kollha attrici bl-ispejjez kontra taghha w dan wara li ghamlet is-segwenti kostatazzjonijiet u konsiderazzjonijiet:

"Ikkunsidrat :

"Illi l-Qorti rat ir-relazzjoni tal-Perit Legali illi minnha jirrizulta illi instemghu diversi xhieda inkluz in-Nutar Dr Maurice Gambin illi ikkonferma bil-gurament illi kien ilu jaf

lid-decujus Anthony Bonnici ghal hafna snin peress li Bonnici kien joqghod vicin tieghu. Fl-4 ta' Gunju 1985, Bonnici kien mar ghand in-Nutar Gambin biex jaghmel it-testment. In-Nutar Gambin xehed illi Bonnici kien qallu li qed jibza li l-attrici kienet se tiprova taqlaghlu l-inkwiet mhux biss tul hajtu izda wkoll anke wara mewtu u ghalhekk ried li t-testment ma jhalli ebda lok fejn l-attrici tkun tista' tattakka. In-Nutar Gambin iddikjara li Bonnici kien fi stat mentali normali u tajjeb tant illi ma kienx hemm lok li jitlob certifikat mediku. Huwa xehed ukoll illi ma kien hemm l-ebda sinjal ta' xi pressjoni li setghet saret fuq Bonnici biex jaghmel it-testment. In kontro-ezami, in-Nutar rega' ikkonferma li ma talabx certifikat mediku peress illi Bonnici kien jidher perfettament kapaci illi jiddisponi b'testment minkejja il-fatt illi kellu 81 sena. Finalment iddikjara illi bl-ebda mod il-familja Portelli u Anthony Bonnici ma kienu relatati max-xhud tal-firma tat-testment Charles Camenzuli kif kienet allegat l-attrici.

"Illi xehed ukoll John Suda, ex-superintendent tal-Pulizija u qal illi fil-bidu tas-snin 1990, kien responsabbli ghad-distrett ta' tas-Sliema. Is-Sur Suda xehed illi kien jaf lil Anthony Bonnici u kien habib intimu tieghu. Kien jaf ukoll lil George Portelli li kellu hanut tal-grocer, pero ma kienx jaf li Bonnici u Portelli kien saru hbieb. John Suda xehed kif ghal bidu tas-snin tmenin kien ircieva file li kien fih ittra b'allegazzjonijiet u akkuzi dwar Anthony Bonnici u dwar George Portelli fis-sens illi dawn it-tnejn kienu qeghdin ihawdu xi kuntrabandu minn gewwa hanut Tas-Sliema u mill-investigazzjonijiet li kienu saru mal-pulizija ma kien irrizulta xejn minn dan kollu. Ix-xhud kompla jghid li Bonnici kien stqarr mieghu illi setghet kienet l-attrici li kienet ghamlet dawn l-allegazzjonijiet peress illi kien qallu li kien qieghed jigi ippersegwitat mill-attrici ghaliex riedet flus minghandu talli kienet daret b'ohtu. Suda kompla jixhed li kien ressaq lill-attrici l-Qorti fuq rapport falz u kienet giet misjuba hatja. Suda kompla jixhed illi wara dan l-incident iltaqa kemm il-darba ma Bonnici u Portelli u Bonnici stess dejjem kien jghidlu li kien kuntent hafna ghaliex il-familja Portelli kienu jiehdu hsiebu, specjalment wara li hu gie nieqes mid-dawl. Suda xehed li Bonnici kien isemmi lill-attrici ta' spiss u dejjem fin-negattiv. Meta

x-xhud kien mistoqsi dwar ir-rilaxx ta’ Bonnici mill-isptar, huwa ikkonferma illi il-konvenuta Mary Portelli kienet qaltlu illi l-attrici ppruvat tohrog lil Bonnici mill-isptar biex tiehu hsiebu hi. Huwa ghalhekk kien cempel lis-Sur Charles Messina l-amministratur tal-Isptar u spjegalu li jekk Bonnici kellu bzonn xi kura kien ahjar li tinghatalu l-isptar. Fl-ahhar Suda ddikjara li xi zmien wara dan kien ircieva ittra ingurjuza fejn gie mwissi li jekk jerga’ jindahal fil-kaz ta’ Bonnici, l-attrici kienet ser tistitwixxi proceduri legali kontra tieghu. Huwa kien qatta din l-ittra.

“Illi xehed ukoll Fr. Leonard Mahoney, Patri residenti fil-kunvent Karmelitan tal-Balluta. Father Mahoney xehed li sar jaf lil Bonnici ghand il-familja Portelli u kemm il-darba rah ghand il-konvenuti. Huwa xehed illi meta Bonnici kien l-isptar kien mar jarah specifikament. Fr. Mahoney xehed li mieghu Bonnici kien jitkellem dwar affarjiet personali, izda ma kienx il-konfessur tieghu. Bonnici kien dejjem ikellmu dwar l-attrici, il-kugina tieghu, u kien jghidlu illi kienet iffitata fuqu ghaliex riedet tizzewgu izda hu ma riedx jizzewweg. Fr. Mahoney ftakar li Bonnici kien jghid li l-attrici kienet imqabbda mieghu u kien jghidlu li kienet tghir ghall-fatt li hu kien midhla mal-familja Portelli. Fr. Mahoney xehed li meta kien Kappillan tal-Ballutta bejn l-1984 u l-1986, l-attrici darba marret ghandu u bdiet tghidlu hafna affarjiet kontra l-familja Portelli. Hu kien qalilha li kien jaf lill-konvenuti bhala familja sew u ma riedx jisma dawn il-kliem. Jumejn wara kien cempillu l-Provincjal Manwel Gatt u qallu biex ma jidholx f’affarjiet familjari. Huwa kompla jixhed illi wara din il-konversazzjoni kien ircieva zewg ittri anonimi u qal illi ma jafx min kiteb l-ittra anonima li rcieva izda fl-ittra kien hemm kliem simili ghal dak li kienet qaltlu l-attrici, Fr. Mahoney sostna li Bonnici tah impressjoni tajba fis-sens li mohhu kien f’postu, kien nadif u kien jaf x’kien qieghed jaghmel.

“Illi xehed ukoll it-tabib Jean Pierre Cauchi li kien it-tabib kuranti ta’ Anthony Bonnici u ftakar Bonnici kellu inkwiet ma’ xi hadd tal-familja tieghu b’referenza ghall-attrici. Dr. Cauchi xehed li Bonnici kien semma’ lill-attrici aktar minn darba u illi l-inkwiet kien ittrasforma f’ansjeta. Dr. Cauchi xehed li dejjem jiftakar li Bonnici kien fi stat mentali tajjeb.

Dwar l-attrici, Dr. Cauchi xehed li ma kienx kellimha pero` jiftakar li kienet kitbitlu u li l-kontenut ta’ l-ittra ma kienx jaghmel sens. Huwa xehed li l-ittra kienet iffirmata minnha u kienet timplika lill-konvenuti, u mhux lilu personalment. Huwa kien qatta din l-ittra. Dr Cauchi xehed li l-ahhar darba li ra lil lil Bonnici kien xi tlett gimghat qabel ma Bonnici dahal l-isptar u mohhu kien ghadu fi stat tajjeb.

“Ikkunsidrat :

“Illi il-Perit Legali ghamel is-segwenti konsiderazzjonjiet :

“L-attrici qieghda tibbaza l-pretensjonijiet taghha fil-konfront tal-konvenuti fuq zewg argumenti principali, senjatament li t-testment tad-decujus Anthony Bonnici huwa null u bla effett minhabba li t-testatur gie mgighel biex jiddisponi minn hwejgu b’qerq u kontra l-volonta’ tieghu, meta ma kienx fi stat ta’ sahha mentali kif trid il-Ligi, kif ukoll li Anthony Bonnici ma setax ihalli lill-konvenuti beni komuni provenjenti mill-ereditajiet ta’ l-axxendenti tieghu, liema beni kienu jappartjenu wkoll lill-attrici.

“Dwar l-ewwel argument, huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza tal-Qrati Maltin illi l-kapacita mentali tat-testatur li jaghmel testament hija prezunta filwaqt li l-inkapacita li hija l-eccezzjoni ghandha tigi pprovata (ara ***Giuseppe Formosa vs Giuseppa Axiak***, App. Civ. 20 Gunju 1938, Vol. XXXA.I.176).

“Il-grad tal-prova rikjest mill-Ligi hekk kif interpretat mill-Qrati Maltin biex tigi ppruvata l-insantia mentali tat-testatur hija <u>prova cara, univoka u konklussiva</u> (ara ***Joseph Harmsworth et. Vs. Gaetana Bezzina et.*** Prim Awla, 16 Dicembru 2002) u tispetta lil min jallegaha. Il-Qorti fis-sentenza ***Pawlu Farrugia v Carmelo Farrugai et.*** (Prim Awla, 5 Ottubru 2004) hekk irriteniet dwar dan il-grad ta’ prova, *“Biex tigi stabbilita l-insanita mentali tat-testatur hemm bzonn li jirrizultaw indizzji gravi, u mhux biss semplici kongetturi u possibilitajiet. Il-fatti u l-argumenti jridu jkunu precizi u konkludenti la darba jirrigwardaw*

*persuna mejta li fuqha ma jkunux jistghu isiru l-accertamenti medici u legali mehtiega."* Skont il-gurisprudenza taghna min ikun qieghed jimpunja t-testment ikollu bzonn li juri li fil-mument tat-testment jew, almenu skont xi awturi, fl-epoka li sar it-testment li t-testatur ma kienx kapaci.

"Mix-xhieda u mid-dokumenti prodotti quddiem is-sottoskritt perit legali, ma jidhirx li ngabet prova sodisfacenti, fil-grad rikjest mil-Ligi, li d-decujus Anthony Bonnici ma kienx kapaci jaghmel testament ghar-raguni ta' inkapacita mentali, fiz-zmien meta ghamel it-testment li l-attrici qed tipprova thassar, cjoe fl-4 ta' Gunju 1985. Mix-xhieda prodotta jirrizulta anzi l-oppost kif se jigi spjegat.

"Il-Qorti fis-sentenza ***Joseph Harmsworth et. Vs. Gaetana Bezzina et.***, Prim Awla, 16 Dicembru 2002, qalet hekk dwar il-kapacita' testamentarja, *"biex it-testatur ikun kapaci jaghmel testament ma hemmx bzonn li jkun perfettament u rigorozament san minn mohhu, imma huwa bizzejjed li jkollu l-uzu tar-raguni fi grad tali li jippermettilu jkun jaf x'inhu jaghmel."* Fatturi determinanti identifikati mill-Qrati Maltin sabiex tigi stabbilita s-sanita mentali tat-testatur hija r-ragjonevolezza tad-disposizzjonijet li jinsabu fit-testment kif ukoll id-deposizzjonijet ta' nies professjonali, bhat-tabib kuranti tat-testatur u n-Nutar li kkonfezzjona t-testment, dwar l-istat u l-komportament tat-testatur fiz-zmien relevanti (ara ***Pawlu Farrugia vs Carmelo Farrugia - Prim Awla 5 Ottubru 2004***). Dwar dan bizzejjed wiehed jaghmel riferenza ghall-affidavit tan Nutar Dottor Maurice A. Gambin (a fol. 55) fejn jghid, *"it-testatur kien fi stat mentali tajjeb u normali tant illi ma kien hemm l-ebda lok illi jien nitolbu certifikat mediku tas-sanita mentali. Lanqas ma kien hemm sinjal ta' xi pressjoni fuqu ghar-rigward tat-testment. Niftakar illi kien xolt waqt illi kien qieghed jaghmel it-testment."*

"Mix-xhieda ta' Dr. Jean Pierre Cauchi, t-tabib kuranti ta' Anthony Bonnici jirrizulta li Anthony Bonnici kien fi stat mentali tajjeb sa ftit zmien qabel mewtu cjoe qabel l-1 ta'

Jannar 1992. Ix-xhud jsostni li l-ahhar darba li kien ra lil Bonnici xi tlett gimghat qabel ma dahal l-isptar, Bonnici kien fi stat mentali tajjeb. Huwa minnu, kif xehed Dr. Alfred Caruana Galizia (seduta nru. 9), li meta dahal l-Isptar Anthony Bonnici kien *f' "confusional state"* mentali, pero din il-kundizzjoni tirreferi ghall-perjodu ta' qabel miet Anthony Bonnici, proprju dak il-perjodu meta l-attrici pprovat tohrog lil Anthony Bonnici mill-Isptar biex imur joqghod ghandha kontra l-parir mediku.

"Dwar ir-ragjonevolezza tad-disposizzjonijet li jinsabu fit-testment, jekk wiehed ihares lejn is-seba artikolu li jghid, *"It-testatur jrid u jordna li min mill-persuni benefikati b'dana it-testment ma joqghox ghall dana it-testment "in toto" jew "in parti" u bla ebda raguni serja u valida fil-Ligi jaqla xi kwistjonijiet dwaru jew jidhol il-Qorti minhabba fih jitlef kull beneficcju lilu mholli b'dana it-testment a favur tal-imsemmija eredi universali tieghu"* jidher car li t-testatur kien ipprevada l-eventwalita li jista' jinqala xi disgwid dwar it-testment tieghu, kif kkonfermat ukoll min-Nutar Maurice Gambin in kontro ezami tax-xhieda tieghu (seduta nru.12), u kien fi stat mentali tajjeb bizzejjed biex jipprovdi b'mod logiku ghal din l-eventwalita fit-testment tieghu.

"Finalment jigi osservat ukoll li t-testment inkiteb aktar minn sitt snin qabel ma miet Anthony Bonnici, u di piu anki mill qari tad-dispozizzjonijiet tal-istess testament maghmula mid-decujus jidher lampanti li d-decujus kien car f' dak li stipola u li ried, kif johrog mid-dispozizzjonijiet (klawsola numru 3) favur numru ta' istituzzjonijiet karitatevoli.

"In vista tas-suespost, l-ewwel talba ta' l-attrici hija nfondata.

"It-tieni talba ta' l-attrici hija li Anthony Bonnici ma setax ihalli lill-konvenuti beni komuni provenjenti mill-ereditajiet tal-mejtin Carmela Scerri, Katerina Gravina u Carmela Scerri bint Antonio, axxendenti tieghu u ta' l-attrici, liema beni jappartjenu ukoll lilha.

“Mix-xhieda jirrizulta li fil-fatt il-konvenuti ghandhom fil-pussess taghhom tlett bicciet ghamara li kienu proprjeta tal-istess decujus u li l-istess konvenuti jiddikjaraw li dawn gew mghoddija lilhom mill-istess Anthony Bonnici. Fix-xhieda tat-12 ta’ Frar 2001 il-konvenuta Mary Portelli tghid in kontro ezami

“Mistoqsija jekk ghandiex dawn l-affijiet nghid

1. Centru tal-Murano Rosa – Jiena ghandi wiehed, kien gie r-ragel tieghi bih, u la naf jekk kienx tah lil Gorg. Mistoqsija min seta tah lil Gorg nghid li ghal-Toni kont qed nirreferi – nghid ukoll li zewgi seta xtrah, jien ma nafx. Li zgur li ma kienx gie Toni ghandi u tani dan ic-Centru.
2. Mistoqsija dwar Arlogg antik tal-bozza nghid li ghandi wiehed moghti lili mill-wirt tal-genituri tieghi. Neskludi li huwa proprjeta ta’ Anthony Bonnici.
3. Chaffonier, jigifieri ghamara li jkollha bibien tal-hgieg fid-dawra ta’ quddiem u mera fil-parti ta’ fuq. Nirrispondi haga simili ghandi, gejja mill-familja tieghi u zgur mhux ta’ Toni.”

“L-attrici fl-ahhar tal-gbir tal-provi ezebiet fotokopja ta’ disa folji immarkati vera kopja tal-original mill-Avukat Tonio Azzopardi u iddikjarat li jikkonsistu minn skrittura privata tal- II di’ Quattro Giugno 1932, flimkien ma inventarju tal-oggetti b’deskrizzjoni u valuri relattivi. Dan id-dokument gie ezebit sabiex jigi ppruvat li l-oggetti jappartjenu lill-assi tal-wirt provenjenti mill-antenati tal-attrici.

“Dan id-dokument huwa biss parti minn kuntratt huwa fotokopja mhux kompleta ta’ l-istess skrittura kemm ghaliex ma hemmx il-folji kollha kif ukoll ghaliex mill-fotokopja jirrizulta li bicciet mill-kitba thallew barra. Di piu jirrizulta li l-ewwel tlett faccati huma parti minn ftehim jew kuntratt Notarili, possibilment anki minn zewg kuntratti stante li ma jsegwux ghal dak li hija kitba, filwaqt li d-dokumenti annessi huma lista ta’ oggetti (inventarju). Il-perit legali josserva li dawn id-dokumenti mhumiex miktubin bl-istess kitba, hemm tal-anqas tlett kalegrafiji differenti. Jigi annotat ukoll li l-inventarju huwa numerat u qed issir riferenza ghan-numri tmienja (8), tlieta u tletin

(33), sitta u tletin (36), erbghin (40), hamsa u hamsin ( 55), tlieta u sittin (63), disa u tmenin (89) ta' l-ewwel lista, dawn jikkonsistu fis-segwenti :

- Un cheffonier di mogano con spicco lietto ovale
- Un cheffonier di legno verniciato
- Due vasi d'alabastro dispari
- Un centro d'alabastro rosso
- Un orologio da messo Americano boza
- Una libreria di mogano
- Una lampada con globo

"Qed issir riferenza ghall-dawn l-oggetti minhabba li hdjejhom hemm il-marka ta' salib. Qed jigi rilevat li minkejja li gie ezebit dan id-dokument ma giet mghotija l-ebda spejagazzjoni ghajr dak citat aktar il-fuq.

"L-attrici tipprova ssostni li hemm ness bejn dan id-dokument u l-oggetti li ghandhom fil-pussess taghhom il-konvenuti. "Ghandu jigi minnufih carat li mix-xhieda irrizulta li hemm oggett wiehed biss li gie ppruvat li kien fi zmien proprjeta ta' Toni Bonnici u dan qed jinghad minghajr pregudizzju ghat-titolu li abbazi tieghu spicca ghand il-konvenuti.

"Minkejja dan huwa importanti li jigi sottolineat li ma ingabet l-ebda prova lanqas wahda remota, sabiex turi li l-oggett in kwistjoni huwa l-istess li jissemma fl-inventarju. Biz-zejjed jinghad li fl-inventarju l-oggett jissemma bhala *Un centro d'alabastro rosso* u fil-mistoqsijiet mghamula mill-attrici in kontro ezami issir riferenza ghal *Centru tal-Murano Rosa*.

"Oltre dan ma ingabitx xhieda jew provi dokumentarji sabiex juru li fil-fatt dan il-wirt ma giex diviz bejn l-eredi. Hawn dubbji serji kif jista wirt li jissemma fl-1932 jibqa komuni u mhux diviz.

"Ma gewx ezebiti kopji tat-testmenti rispettivi tal-imsemmijin axxendenti ta' l-attrici u d-decujus. Lanqas ma rrizulta mill-mandat ta' deskrizzjoni li nhareg mill-attrici kontra l-konvenuti li dawn l-oggetti jinsabu fil-pussess tal-

konvenuti fid-dar taghhom (ara mandat 199/89 u dikjarazzjoni annessa - Dok TA2). In vista ta' dan it-tieni talba ta' l-attrici ma gietx pruvata u ghandha tigi respinta."

"Ikkunsidrat :

"Illi peress illi l-Qorti taqbel mal-konsiderazzjonijiet kollha illi ghalihom wasal il-Perit Legali minnha innominat qeghda taddotta ir-relazzjoni tieghu u taghmilha bhala taghha u a skanz ta' ripetizzjoni tirreferi ghall-istess konsiderazzjonijiet tal-Perit Legali a fol. 172 sa fol. 177 tal-process.

"Ikkunsidrat :

"Illi l-attrici filwaqt illi ipprezentat nota fejn talbet hatra ta' periti addizzjonali ma ghamlet l-ebda nota ta' kritika ghar-relazzjoni tal-perit legali u minn dakinhar illi giet ipprezentata ir-relazzjoni tal-perit legali sal-gurnata tal-lum ma ipprezentat l-ebda nota ta' sottomissjonijiet sabiex b'xi mod tirribadixxi il-konsiderazzjonijiet ta' l-imsemmi perit legali.

"Ikkunsidrat :

"Illi l-Qorti tara illi l-attrici bl-ebda mod ma irnexxielha tipprova illi Anthony Bonnici, id-decujus, ma kienx fi stat ta' sahha mentali kif trid il-ligi meta ghamel it-testment tieghu. Anzi ix-xhieda illi gew prodotti bhan-Nutar Gambin, it-tobba kuranti ta' Anthony Bonnici, l-ex-Spettur Suda, u Father Mahoney kollha xehdu fis-sens illi Anthony Bonnici kellu pjena fakultajiet mentali u kien jilmenta maghhom dwar l-attrici fis-sens illi kienet tiffittah, kienet tghir ghalih peress illi kellu relazzjoni tajba mal-familja ta' Portelli u kienet tippersegwitah ghaliex ippretendiet illi ihallilha xi flus peress illi kienet daret b'ohtu.

"Illi irrizulta wkoll mill-provi li tressqu illi l-attrici ghamlet ukoll rapport falz lill-pulizija dwar Anthony Bonnici u George Portelli u giet misjuba hatja mill-Qorti talli ghamlet dan ir-rapport falz.

“Illi irrizulta wkoll illi l-attrici tkellmet kontra l-familja Portelli ma Father Mahoney u ma persuni ohrajn inkluz it-tabib kuranti ta’ Anthony Bonnici.

“Illi l-istess Nutar Gambin xehed illi Bonnici kellu il-fakulta mentali mehtiega sabiex jaghmel testment u illi kien esprima mieghu ir-rieda illi l-attrici bl-ebda mod ma tibbenefika mit-testment tieghu u ried jassigura ruhu illi t-testment tieghu ma jkunx jista jigi bl-ebda mod atttakkat mill-attrici peress illi kien jaf illi l-attrici kien bi hsiebha tohloqlu l-inkwiet wara mewtu kif kienet holqitlu l-inkwiet matul hatju.

“Illi fis-seba artikolu tat-testment tieghu jidher illi Bonnici kien fi stat mentali tajjeb bizzejjed biex jipprovdi b’mod logiku ghall-eventwalita li xi hadd jaqla xi kwistjonjiet dwar it-testment tieghu, jew jidhol il-Qorti minhabba fih.

“Illi jigi rilevat wkoll illi t-testment ta’ Anthony Bonnici sar aktar minn sitt snin qabel ma miet u f’dan it-testment Bonnici ghamel numru ta’ donazzjonijiet lill-istituzzjonijiet ta’ karita u ghalhekk bl-ebda mod ma gie ippruvat lanqas remotament illi t-testment ta’ Anthony Bonnici huwa null u bla effett.

“Ikkunsidrat :

“Illi ghar-rigward tat-tieni talba ta’ l-attrici fis-sens illi Bonnici ma setghax ihalli lill-konvenuti beni komuni provenjenti mill-ereditajiet tal-mejtin Carmela Scerri, Katerina Gravina u Carmela Scerri bint Antonio, liema beni allegatament jappartjenu ukoll lill-attrici, il-Qorti, a skanz ta’ ripetizzjoni qeghda taghmel taghha dawk il-konsiderazzjonijiet kollha illi ghamel il-perit legali f’dan ir-rigward u tikkonkludi li din it-talba ghandha wkoll tigi michuda.”

**L-appell tal-attrici.**

L-attrici hasset ruhha aggravata bis-sentenza fuq riportata u ghalhekk, b’rikors pprezentat fil-31 ta’ Dicembru, 2008, talbet li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti

joghgobha tannulla, tirrevoka u thassar l-imsemmija sentenza u tghaddi biex tilqa’ t-talbiet attrici bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

Il-kontro-parti pprezentat risposta fejn, anke ghar-ragunijiet hemm moghtija, talbet li din il-Qorti tichad l-appell bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attrici.

**L-aggravji tal-attrici appellanti.**

L-attrici ressqet zewg aggravji:-

a) proprjament l-ewwel aggravju ma jikkoncernax l-mertu izda hu indirizzat lejn ic-cahda ta’ talba ghal differiment minhabba raguni medika, fejn l-appellanti titlob li minhabba f’hekk ma nzammitx l-“*equallity of arms*” bejn il-kontendenti u konsegwentement s-sentenza ghandha tigi annullata.

b) bit-tieni aggravju taghha l-appellanti tilmenta dwar l-apprezzament tal-provi li sar mill-ewwel Qorti.

**Ikkunsidrat:**

Dwar l-ewwel aggravju l-appellanti qed tilmenta li ghalkemm l-ewwel Qorti kienet infurmata, kemm bil-fomm, kif ukoll permezz ta’ rikors, li kellha kundizzjoni medika li kienet izzommha li tohrog mid-dar, l-istess Qorti xorta wahda ddifferiet il-kawza ghas-sentenza minghajr ma tat il-possibbilita` lill-attrici tidher il-Qorti. F’dan il-kuntest l-appellanti qed titlob id-dikjarazzjoni ta’ nullita` tas-sentenza appellata.

Jirrizulta li wara li l-Perit Legali halef ir-rapport fil-15 ta’ Jannar, 2008, liema rapport kien avvers ghat-tezi attrici, l-istess attrici, b’nota pprezentata fl-24 ta’ Jannar, 2008, talbet in-nomina ta’ Periti Addizzjonali. Cirka tlett xhur wara, u cioe` fl-udjenza tat-22 ta’ April, 2008, ghalkemm deher id-difensur tal-attrici ma sar xejn dwar il-hatra mitluba mill-attrici precedentement u d-difensur taghha informa l-Qorti li “*l-klienta tieghu tinsab indisposta minhabba li qed issofri minn slip disc”.* Il-kawza dakinhar

thalliet ghas-seduta tal-25 ta' Gunju, 2008 "*ghall-informazzjoni ulterjuri*". Fit-18 ta' Gunju, 2008 gie prezentat rikors fejn, wara li l-Qorti giet infurmata li l-attrici "*tinsab indisposta …*" u li d-difensur taghha kien ikkomunika maghha telefonikament, intalab differiment "*ghal sessjoni ohra sabiex hija tkun f'pozizzjoni li tattendi ghall-kawza.*"

Fl-udjenza tal-25 ta' Gunju, 2008 la deheret l-attrici u lanqas id-difensur taghha – deher biss wiehed mil-konvenuti u d-difensur tieghu u, wara li semghet l-oppozizzjoni tad-difensur tal-konvenuti ghat-talba kontenuta fir-rikors fuq imsemmi, u wara li kkunsidrat it-talba tal-istess difensur tal-konvenuti biex jinghata provvediment dwar il-hatra ta' periti addizzjonali, il-Qorti cahdet it-talba attrici kif maghmula fl-24 ta' Jannar, 2008 ghall-hatra ta' Periti Addizzjonali, u ddifferiet l-kawza "*ghas-sentenza*" bil-fakolta` lill-partijiet ghal prezentata ta' noti ta' sottomissjonijiet. F'dik l-udjenza l-Qorti ordnat il-komunika ta' dak il-verbal lid-difensur tal-attrici u cioe` Dr Tonio Azzopardi. Dan jirrizulta li gie notifika fit-18 ta' Lulju, 2008.

Sussegwentement l-attrici pprezentat rikors iehor fit-22 ta' Lulju, 2008 fejn, ghar-ragunijiet hemm moghtija, talbet li l-ewwel Qorti tirrevoka *contrario imperio* d-digriet moghti fil-25 ta' Gunju, 2008 u li tipprovdi fuq ir-rikors li gie prezentat <u>qabel</u> dik is-seduta. Dwar dan ma nghata ebda provvediment hlief li giet ordnata n-notifika tal-kontro-parti liema notifika saret fit-13 ta' Awissu, 2008. Fir-rikors tal-appell, u anke waqt it-trattazzjoni orali, l-attrici ssostni li kien gie prezentat rikors iehor li pero` dan ma kienx ingieb a konjizzjoni tal-ewwel Qorti.

Din il-Qorti hija tal-fehma li t-talba sabiex is-sentenza appellata tigi dikjarata nulla konsegwenza tal-fatt li ma kienx inghata differiment minkejja diversi talbiet minhabba l-allegata kundizzjoni medika tal-attrici ma ghandhiex tintlaqa' u dan ghas-segwenti ragunijiet:-

a) It-talba ghal differiment ossia differimenti kienet msejjsa fuq l-allegata kundizzjoni medika tal-attrici li ma kinitx tippermettielha tattendi l-Qorti. B'dan kollu la

quddiem l-ewwel Qorti u sahansitra quddiem din il-Qorti ma gie prezentat ebda certifikat mediku biex jissostanzja dak li kien qed jigi allegat fir-rikorsi tal-attrici u dana ghalkemm kien ghadda zmien twil. Fic-cirkostanzi l-ewwel Qorti kellha kull dritt li ma taghtix aditu ghat-talbiet tal-attrici billi dawn ma kienux jidhru gustifikati.

b) It-talba ghal hatra ta’ periti addizzjonali saret fl-24 ta’ Jannar, 2008 u ghalkemm ghaddew hames xhur sa meta t-talba giet michuda ma sar xejn biex din it-talba tigi attwata u dan minkejja li l-istess attrici kienet ikkomunikat mad-difensur taghha telefonikament. Lanqas ma jirrizulta li saret xi talba ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza biex dan l-incident jigi diskuss.

c) Illi ghalkemm l-attrici, fl-udjenza tal-25 ta’ Gunju, 2008, u cioe` meta l-kawza giet imhollija ghas-sentenza ghal Dicembru tal-istess sena, kienet inghatat perjodu biex tipprezenta nota ta’ osservazzjonijiet, dan ma ghamlitux u lanqas jirrizulta li talbet xi zmien ulterjuri ghal din in-nota.

d) Ir-rikors li l-attrici tallega li gie pprezentat wara dak ta’ Lulju, 2008, u li dwaru qed jinghad ma nghata ebda provvediment mill-ewwel Qorti, ma jirrizultax fil-process. Inoltre ghalkemm fl-udjenza tat-8 ta’ Frar, 2001 quddiem din il-Qorti l-appell gie pospost “*sabiex Dr Tonio Azzopardi jaghmel il-verifiki dwar ir-rikors allegatament minnu prezentat*” ma jirrizulta xejn aktar u d-difensuri tal-partijiet ttrattaw l-appell li thalla ghas-sentenza ghas-seduta tallum.

Illi f’dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti tifhem li l-ewwel Qorti kienet pjenament gustifikata li ma thallix il-kawza titwal ghal xejn partikolarment meta l-provi kienu ngarbru kollha u sahansitra kien hemm rapport ta’ perit legali mqabbad minnha, u ma kien hemm ebda prova dokumentarja dwar l-allegata dizabilita` temopranja tal-attrici li tattendi l-Qorti. Jinghad ukoll li l-hatra ta’ Periti Addizjonali hija dejjem diskrezzjonali ghall-Qorti li, fil-kaz in ezami, kienet ukoll fid-dritt taghha li tichad it-talba tal-attrici billi wara perjodu ta’ hames xhur ma kien intqal xejn dwar din il-hatra. Dan

l-aggravju ghalhekk ma jirrizultax gustifikat u qed jigi michud.

**Ikkunsidrat:**

Minn qari akkurat tar-rikors tal-appell jidher li t-tieni aggravju tal-appellanti ma hu xejn hlief ilment dwar l-apprezzament tal-provi li saret mill-ewwel Qorti u li, skont l-appellanti, il-provi kienu jindikaw li kellha tigi milqugha t-talba attrici u mhux li tigi michuda.

Issa huwa ben risaput li din il-Qorti, bhala Qorti ta’ revizjoni, toqghod lura milli tiddisturba l-apprezzament li jkun sar mill-ewwel Qorti sakemm ma jkunx jidher li fin-nuqqas issir ingustizja serja. Minn ezami tas-sentenza appellata din il-Qorti hija tal-fehema li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament tajjeb tal-provi prodotti fil-kuntest tat-talbiet attrici.

B’dawn il-proceduri l-attrici qeghdha tipprova tottjeni dikjarazzjoni ta’ nullita` ta’ testment ta’ Anthony Bonnici fuq il-bazi li (a) it-testatur ma kienx fi stat mentali tali li jaghmel testment; li (b) fi kwalunkwe kaz huwa kien gie influwenzat mill-konvenuti biex jaghmel l-imsemmi testment u (c) fl-ahhar mill-ahhar it-testatur iddispona minn certa effetti li kienu jappartjenu lill-terzi.

Waqt is-smiegh tal-kawza nstemghu diversi persuni li kienu mhux biss hbieb tad-decujus izda xehdu wkoll persuni professjonali bhal ma kien it-tabib kuranti tad-decujus u sahansitra l-istess Nutar li ppubblika t-testment. Minn dawn kollha jidher li l-allegazzjonijiet tal-attrici u cioe` li d-decujus kien kostrett jaghmel it-testment attakkat jew li ma kienx mentalment kapaci, ma jirrizultaw bl-ebda mod anzi jirrizulta l-kuntrarju u cioe` li d-decujus ried u kien kapaci jiddisponi kif effettivament iddispona.

Illi ghar-rigward tal-effetti li allegatament d-decujus iddispona minnhom ghalkemm dawn ma kienux proprjeta` tieghu, din il-Qorti tosserva li l-perit legali ghamel apprezzament gust tal-provi migjuba quddiemu u minn dawn il-provi seta’ biss jasal, kif effettivament waslet ukoll

l-ewwel Qorti, ghall-konkluzjoni li dak li kien qed jigi allegat mill-attrici ma kienx minnu jew ghal anqas ma jirrizultax pruvat. Dan l-aggravju ghalhekk qed jigi michud.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell tal-attrici qed jigi michud u s-sentenza appellata kkonfermata bl-ispejjez ta' din l-istanza kontra l-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------